MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Numru 782/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**NATALE BONELLO**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Natale Bonello ta' 30 sena, imwieled San Giljan nhar it-2 ta' Frar, 1975, bin Joseph u Emmanuela nee' Hili, residenti fil-fond numru 104, Triq Carlo Manche, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' numru 568675 (M) ;

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin mill-istess imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-

paragrafi (a), (b), u (c) tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, xjentement ghen jew assista lill-awtur, u cioe’ lil Lorita Pace, fil-kommissjoni ta’ whud minn sensiela ta’ delitta ta’ serq, u/jew fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew ippreparati u/jew ikkunsmati, u cioe’:

1. Fis-sbatax ta’ Gunju, 2005, ghall-habta tas-6pm, f’serqa ta’ flus minn Saviour Store fi Triq is-Santwarju, Zabbar;

2. Fis-6 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta tal-5.30pm, f’serqa ta’ flus minn ta’ Kelin Confectionery, fi Triq Santa Katerina, Birzebbuba, u

3. Fit-22 ta’ Awissu, 2005, ghall-habta tas-7.30pm, f’serqa ta’ flus mill-Morris Stationery, fi Triq it-Torri, Sliema, liema serqa hija aggravat bil-valur li ma jaqbisx l-elf lira Maltin (Lm1,000.00);

4. Iktar, akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u;

5. Aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 li kien gie mpost fuqu b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta’April, 2004, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, fl-istadju tal-ezami tal-istess imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli 261 *et seq*, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' sena (1), sospiza ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-*Probation, ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------